



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0370(NLE)

14301/21
ADD 1

AELE 111
EEE 93
N 141
ISL 86
FL 88
MI 882
ECO 131

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 712 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 712 final - ANNEX I.

Mehmuż: COM(2021) 712 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.11.2021
COM(2021) 712 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards,
ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

(Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE¹, kif rettifikata minn ĠU L 150, 17.6.2015, p. 24, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-10 ta' Ottubru 2014 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi librerija ta' twissijiet bl-istampi li għandhom jintużaw fuq prodotti tat-tabakk² trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2014/40/UE tħassar id-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titħassar mill-Ftehim ŻEE.
- (4) Jenħtieġ li n-Norveġja żżomm l-adattament tagħha għad-Direttiva 2001/37/KE fir-rigward tal-prodott definit fl-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2014/40/UE "tabakk għall-użu orali".
- (5) Minħabba l-adattament fir-rigward tal-prodott definit fl-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2014/40/UE u fuq il-bażi ta' ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi appoġġati minn statistika dwar ir-riskji għas-saħħa marbuta mal-użu tat-tabakk orali u x-xejriet tal-użu tiegħu, in-Norveġja jenħtieġ li tkun libera li tippermetti t-twissija addizzjonali alternattiva tas-saħħa għat-tabakk għall-użu orali kif indikat fl-Artikolu 1, l-ittra c) ta' din id-Deċiżjoni.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

¹ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

² ĠU L 360, 17.12.2014, p. 22.

³ ĠU L 194, 18.7.2001, p. 26.

Artikolu 1

It-test tal-punt 3 (id-Direttiva 2001/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu XXV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘**32014 L 0040:** Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1), kif ikkoreġuta minn ĠU L 150, 17.6.2015, p. 24, kif emendata minn:

- **32014 L 0109:** Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-10 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 22).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-fini jiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikoli 5(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem “sal-20 ta' Novembru 2016” għandu jsir “mhux aktar minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. .../... ta' [din id-deċiżjoni]”.
- (b) Fl-Artikoli 6(4) u 7(13) għandu jiżdied is-sottoparagrafu segwenti:
“F’każijiet li jikkonċernaw manifatturi u importaturi fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġbor kwalunkwe tariffa mitluba mill-Kummissjoni.”
- (c) Fir-rigward tan-Norveġja, għandu jiżdied is-subparagrafu segwenti fl-Artikolu 12(1):
“Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi sostnuti minn statistika dwar ir-riskji għas-saħħa relatati mal-użu u x-xejriet tal-użu tat-tabakk orali, it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq fin-Norveġja jista’ jkollu t-twissija alternattiva tas-saħħa li ġejja:
“Dan il-prodott tat-tabakk iżid ir-riskju ta’ ħsara lill-fetu u ta’ twelid mejjet””
- (d) Fl-Artikolu 15(13), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem “l-20 ta’ Mejju 2019” għandu jsir “sittax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. .../... ta’ ... [din id-deċiżjoni]”.
- (e) Fl-Artikolu 16(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem “l-20 ta’ Mejju 2019” għandu jsir “sittax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. .../... ta’ ... [din id-deċiżjoni]”.
- (f) Il-projbizzjoni fl-Artikolu 17 ma għandhiex tapplika għat-tqegħid fis-suq fin-Norveġja tal-prodott definit fl-Artikolu 2(8). In-Norveġja għandha ttiprobixxi l-esportazzjoni tal-prodott definit fl-Artikolu 2(8) lill-Partijiet Kontraenti kollha ta’ dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tal-Iżvezja.
- (g) Fl-Artikolu 30, il-kliem ‘20 ta' Mejju 2017’ għandu, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, jsir “sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE”.

Fl-Artikolu 30(a) u (c), il-kliem “20 ta' Mejju 2016” għandu, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, jinqara “id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE”.

Fl-Artikolu 30(b), il-kliem “20 ta' Novembru 2016” għandu, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, jinqara “sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE”.’

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2014/40/UE, kif rettifikati minn ĠU L 150, 17.6.2015, p. 24, u mid-Direttiva Delegata 2014/109/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.